# Santa Luċija

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 68/2024**

**29 ta' Jannar 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-05:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**68.01 Talba**

68.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**68.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

68.02.01 Id-DSE informa li l-Kunsillier Ellul kien informah li ma kienx ser jattendi għal-laqgħa peress li kien indispost. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill aċċetta l-apoloġija tal-Kunsillier Ellul u dan ġie meqjus bħala skużat.

**68.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 66-23 u 67-23**

68.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 66-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bil-Kunsilliera D'Amato tipproponi u l-Viċi Sindku jissekonda.

68.03.02 Il-Minuti tal-Laqgħa 67-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi w l-Kunsilliera D'Amato tissekonda.

**68.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.04.01 Is-Sindku nfurmat li fuq talba tagħha, għada kien ser ikollha laqgħa ma' uffiċjali mill-Ministeru tal-edukazzjoni sabiex isir ftehim sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jużaw il-faċilitajiet tal-iskola.

68.04.02 Is-Sindku nfurmat li fil-31 ta' Jannar kien ser ikollha laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Divizjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni dwar l-użu tal-*mechanical sweepers* ġewwa l-lokalita'

68.04.03 Is-Sindku nfurmat li nhar il-Ġimgħa ser isir il-ftuħ uffiċċjali tal-bini tal-Għassa tal-lokal li ser tintuża primarjament bħala lok fejn persuni li jkollhom każijiet ta' vjolenza domestika ikunu jistgħu jirrikorru, kif ukoll ser tkun il-bażi tal-Pulizija tal-Komunità ta' Santa Luċija u Ħal-Luqa..

68.04.04 Is-Sindku ssuġġeriet li għandna nibdew naħsbu fl-attivitajiet tal-Għid fejn issuġġeriet li jerġa jkun hemm l-*Easter Egg Hunt*. Il-Kunsilliera D'Amato offriet li tgħin fl-organizzazzjoni.

68.04.05 Is-Sindku nfurmat li dan l-aħħar kien hemm is-smiegħ tal-applikazzjoni PA0650/22 li attendiet għalih flimkien mal-Kunsillier Sciberras. Is-smiegħ li jmiss ser ikun fl-14 ta' Frar u peress li hi mhux ser tkun tista' tattendi u għalhekk tlabna lil-Perit sabiex jattendi u sabiex jipprepara rapport fuq l-ir-raġunijiet għaliex qed noġġezzjonaw li jinkludi l-aħħar emendi.

68.04.06 Rigward l-applikazzjoni PA5152/22 is-Sindku nfurmat li l-laqgħa dwar din l-applikazzjoni kienet ġiet posposta u issa ser issir quddiem bord. Hija żiedet li dan il-bord ser ikun kompost minn madwar 20 persuna u l-Kunsill suppost li ser ikollu vot.

F'dan il-punt Il-Kunsilliera D'Amato filwaqt li rringrazzjat lin-nies li attendew bi ħġarhom għall-protesta dwar din l-applikazzjoni hija qalet li wara eżami ta' kuxjenza tħoss li għandha titkellem anke fuq żviluppi oħra. Hija ssuġġeriet li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu per eżempju jiftaħ negozjati ma' Santa Luċija FC u anke r-residenti sabiex inkunu nistgħu nieħdu pożizzjoni aħjar il-bogħod mir-restrizzjoni ta' ħin. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsilliera D'Amato issa kienitx kontra l-iżvilupp ta' Santa Lucija FC, l-Kunsilliera wieġbet li għadha trid tieħu deċiżjoni finali però kienet lesta tikkunsidra li tbiddel il-pożizzjoni tagħha.

F'intervent il-Kunsillier Sciberras ikkummenta li din hija t-tieni darba hemm ċans li jkun hemm tibdil fid-deċiżjoni u għalhekk talab biex il-Kunsillieri jkunu mgħarrfa sew dwar applikazzjonijiet simili li jistgħu iħallu mpatt irreparabbli fil-lokalita'. Huwa ssuggerixxa li biex il-Kunsill ikun ta' eżempju, għandha ssir rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni għal-bini ta' uffiċini tal-Kunsill fuq art verġni u għandna nfittxu alternattiva.

Il-Viċi Sindku ssuggerixxa li waqt l-elezzjoni ta' Ġunju jkun hemm il-possibilità' li l-votanti jkollhom l-opportunita' li jgħidu tagħhom u jkun milħuq kulħadd.

Is-Sindku nfurmat li kienet ser tiċċekkja dwar il-possibilità li jsir kif kien qed jissuġġerixxi l-Viċi Sindku u li dan is-suġġett jiġi diskuss waqt laqgħa separata apposta.

68.04.07 Is-Sindku nfurmat li r-Regjun Nofsinhar talab għan-*No Objection* tal-Kunsill li għal sena oħra jiġu organizzati tiġrijiet taż-żwiemel bir-Regjun iħallas € 2,000. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

68.04.08 Is-Sindku fakkret lill-Kunsillieri fil-lista li kienet bgħatet dwar il-prijorità dwar ir-rampi li ser isiru bil-flus li ġejna allokati mill-Awtorità tad-Djar. Hija fakkret lill-Kunsillieri sabiex jekk ikunu jafu b'iktar bżonnijiet għar-rampi sabiex ikellmuha.

68.04.09 Is-Sindku ppreżentat il-kwotazzjoni sabiex jissewwa l-*fence* fil-*picnic area* u din ġiet approvata.

68.04.10 Is-Sindku nfurmat li kienet ġabet madwar 40 *Chinese Lanterns* mingħand iċ-*Chinese Cultural Centre* u ġie deċiż li għandna naraw fejn ser jiġu nstallati ġewwa Ġnien is-Serenita'

68.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-*Gazebo* għandu jasal f'nofs Frar u ssuġġeriet li ssir attività' meta dan jiġi inawgurat. Hija ssuġġeriet li nġibu lil *Joy Gospel* u dwar dan kien hemm qbil. Il-Viċi Sindku ser jgħin fl-organizzazzjoni ta' din l-attività.

68.04.12 Rigward Ġnien Simbjożi, s-Sindku nfurmat li konna qbilna li jsir CCTV fuq il-post u għalhekk kienu ser jinġiebu l-kwotazzjonijiet għal dan il-għan.

68.04.13 Is-Sindku qalet li f'laqgħa preċedenti kienet semmiet *Midwal Community Art Project* li jinvolvi anzjani u żgħażagħ fejn isiru diskussjonijiet dwar il-passat u konna approvajna li dawn jagħmlu użu mit-*Tea Room*. Hija nfurmat li l-fondi kienu ġew allokati u ser ikollha laqgħa ma min qed jieħu ħsieb sabiex niddiskutu kif ser nipproċedu.

68.04.14 Is-Sindku nfurmat li kienet rċeviet talba sabiex titranġa l-bankina u ssir rampa quddiem il-Klabb tal-Boċċi. Kien hemm qbil li tinġieb kwotazzjoni u imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi.

**68.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

68.05.01 Id-DSE informa li ma kienx hemm mistoqsijiet.

**68.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

68.06.01 Id-DSE informa li l-arblu li konna tkellimna dwaru fl-aħħar laqgħa jiswa € 1,600 mingħajr l-*inspection box*. Wara diskussjoni ġie deċiż li għalissa għandhom jinbidlu 2 u li għall-kumplament għandna napplikaw taħt l-applikazzjoni tal-LESA.

68.06.02 Korrispondenza mingħand di-DLG dwar Skema SPI/SCI/1/2024 dwar Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025. Il-Kunsillier Sciberras ssuggerixxa li jiġu ppreservati mill-elementi l-fdalijiet tat-Teatru Rjal. Dwar dan kien hemm qbil.

68.06.03 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar persuni b'diffikultajiet intelletwali li qed jattendu l-MCAST sabiex jattendu għal perjodu ta' żmien ġewwa l-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil.

68.06.04 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun Nofsinhar dwar is-servizz ta' *Animal Welfare Community Steward*. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera Sciberras u D'Amato għandhom jagħmlu kuntatt mal-persuna konċernata imbagħad titressaq quddiem il-Kunsill.

68.06.05 Korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar Xogħlijiet ta' Manutenzjoni Offruti mir-Reġjun. Ġie deċiż li nkellmu r-Reġjun sabiex issir manutenzjoni tal-Binja tal-Faqqani.

68.06.06 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li din għandha tiġġedded.

68.06.07 Talba sabiex isiru attivitajiet ġewwa l-Ġnien tas-Serenita' matul ix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni diment li jsir il-ħlas skont il-*Bye-Laws*.

**68.07 *Performance Bonus* Staff Amministrattiv**

68.07.01 Wara diskussjoni qasira, ġie unanimament deċiż li l-impjegati jingħataw il-massimu ta' 6% filwaqt li d-DSE jingħata l-massimu ta' 10%.

**68.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 68/24**

68.08.01 L-iskeda ta' Pagamenti 68/24 ġiet approvata unanimament.

**68.09 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

68.09.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 26 ta' Jannar 2024 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum it-Tnejn 26 ta' Frar 2024.**

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Deputat Segretarju Eżekuttiv** |